## 12 ta' Mejju, 1951

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Il-Pulizija *versus* Margaret Gravina**

### Pensjoni tax-Xjuħ — Dikjarazzjonijiet Foloz — Art. 14 (1) ta' l-Att XXV ta' l-1948.

*Skond il-Liġi dwar il-Pensjoni tax-Xjuħ, huwa reat l-att ta' min, sabiex jikseb jew jissokta jikseb pensjoni taħt dik il-liġi, għalih innifsu jew għal xi persuna oħra, b'rata ogħla minn dik li tgħodd għall-każ, bid-dehen jew bi traskuraġni, jagħmel xi dikjarazzjoni falza jew juri ħaġa b'oħra.*

*Imma dak l-att ma huwiex kriminabbli jekk id-dikjarazzjonijiet foloz hekk mogħtija ma jkollhomx il-potenzjalità li jagħmlu ħsara, jiġifieri jekk dawk id-dikjarazzjonijiet ma jinfluwixxux fuq il-għoti tal-pensjoni; fis-sens illi, anki mingħajr dawk id-dikjarazzjonijiet, il-pensjoni kienet tingħata xorta waħda.*

Fuq l-attijiet kompilati kontra Margaret Gravina fuq l-imputazzjoni illi fiż-Żejtun, fl-aħħar sentejn ta' qabel il-proċediment, għamlet dikjarazzjonijiet foloz quddiem uffiċjali awtorizzati mill-liġi, bil-ħsieb li tikseb minnhom għaliha nnifisha u għad-dannu tal-Gvern Ċivili, u fuq in-nota ta' l-Attorney General tat-2 ta' Frar 1951, li biha l-inserimnija attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta sabiex dina tiddeċidi fuq il-ħtija ta' kompetenza tagħha li tista' tinstab taħt dak li hemm maħsub fl-art. 327 ta' l-1940, barra kull ċirkustanza oħra, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-28 ta' Frar 1951, sabet lill-imputata mhux ħatja ta' l-akkuża miġjuba kontra tagħha, u għalhekk illiberatha;

L-Attorney General appella minn dik is-sentenza quddiem din il-Qorti;

Il-Qorti rat l-attijiet kollha tal-kawża u semgħet l-Avukat tal-Kuruna;

Irriżulta mill-provi li, in konnessjoni ma' l-applikazzjoni tagħha għall-pensjoni tax-xjuħ, l-imputata ddikjarat fuq il-formola, fin-numru 31, li kellha £20 flus id-dar, erba' ħamimiet, ħames tiġiġiet u serduk; iżda, meta aktar tard resqet quddiem l-uffiċjal inkarikat mir-reviżjonijiet tal-pensjonijiet, hija stqarritlu li kellha £150 li kienet iżżomm id-dar bil-moħbi

ta' żewġha, barra flus oħrajn li kellu żewġha; u stqarret li dik is-somma ma kienetx semmietha meta għamlet l-applikazzjoni għax beżgħet li fuq dik l-informazzjoni ma jkollhiex dritt għall-pensjoni. Il-pensjoni kienet ħaditha, u mix-xhieda ta' l-uffiċjali nkarikati mill-pensjonijiet tax-xjuħ, irriżulta li fil-fatti, anki li kieku saritilhom id-dikjarazzjoni mill-imputata li kellha dak l-ammont, xorta waħda kienet tieħu l-pensjoni; għax dik id-dikjarazzjoni ma kienetx tagħmel differenza għall-finijiet tal-pensjoni. Għaldaqstant, in vista tan-nuqqas ta' dannu, u tal-fatt li d-dikjarazzjoni ma kienetx fuq pont materjali, l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputata. L-Attorney General jippretendi li l-Ewwel Qorti nterpretat u enunċjat ħażin il-liġi, u fuq daqshekk għamel l-appell;

Skond l-art. 14 (1) ta' l-Att XXV ta' l-1948, "jekk, sabiex tikseb jew tissokta tikseb pensjoni taħt dan l-Att, għaliha nnifisha jew għal xi persuna oħra, b'rata ogħla minn dik li tgħodd għall-każ, persuna, bid-dehen jew bi traskuraġni, tagħmel xi dikjarazzjoni falza, jew turi ħaġa b'oħra, hija tkun tista', meta tinstab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, b'lavuri furzati, bla ħsara ta' kull piena akbar li tista' teħel għal dak ir-reat taħt xi liġi oħra";

Iżda skond id-dottrina, f'tema ta' xhieda u dikjarazzjonijiet jeħtieġ, għall-kriminabilità, id-dannu, almenu potenzjali, u għalhekk l-attitudini tad-dikjarazzjoni li tipproduċi dannu. A propożitu ta' spergjur, Durante jgħid :— "Si sa che il danno è il presupposto indispensabile di tutti i delitti, dando esso il carattere della politica imputabilità ad ognuno di loro. Per conseguenza, sebbene nell'articolo 221 non si faccia espressa menzione del danno, non per ciò questo elemento è meno necessario a completare il materiale del reato di spergiuro........ basta il danno potenziale, possibile" (Digesto Italiano, voce Spergiuro, no. 20-21, p. 265);

U l-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Ruma, f'sentenza tat-23 ta' Frar 1939, qalet :— "Il materiale di fatto su cui la parte è chiamata a giurare deve essere tale che dalla sua ammissione o reiezione dipenda la risoluzione della controversia" (Giustizia Penale, 1940, II, p. III). U l-istess Durante jkompli jgħid : "Importantissima è dunque l'indagine sulla rilevanza........ In altri termini, la irrilevanza di cui qui si parla è quella che,

posta in relazione colla formola ammessa ed accettata, esclude assolutamente la possibilità del danno per la giustizia, in quanto le circostanze falsamente affermate o negate non siano atte a turbare per nulla la serena apprezzazione dei fatti che occorre accertare per la decisione dei punti controversi" (ibid. no. 23, p. 266);

Dawn ir-riflessjonijiet jgħoddu wkoll għad-dikjarazzjonijiet meħtieġa mill-liġijiet, għalkemm ma jkunux saru b'ġurament; għax dawk id-dikjarazzjonijiet huma ntiżi, bħax-xhieda, għall-aċċertament ta' fatti biex fuqhom jittieħdu deċiżjonijiet mill-Awtorità, u huma protetti b'sanzjonijiet biex jiġi evitat id-dannu;

Fil-każ in kwistjoni ma jistax jingħad li d-dikjarazzjoni retiċenti li biha ġiet murija ħaġa b'oħra ma kienetx rilevanti għall-indaġini li kien qiegħed jagħmel l-uffiċjal publiku. Iżda, ladarba ġie stabbilit b'mod assolut li l-ommissjoni ta' l-informazzjoni fuq il-pussess ta' £150 da parti ta' l-imputata ma seta' jkollha ebda effett fuq id-deċiżjoni tal-għoti tal-pensjoni, u għalhekk ebda differenza ma kienet tagħmel għall-każ, ebda ħsara ma kien jew seta' jkun hemm; u għalhekk kien jonqos l-element indispensabili tad-dannu, almenu potenzjali, għall-inkriminabilità tal-fatt. Għaldaqstant is-sentenza appellata mhix ċensurabili;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-Attorney General u tikkonferma s-sentenza appellata.